KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 367 (B'urġenza)**

**Il-Ġimgħa l-1 ta' Marzu, 2019**

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, Is-Siġġiewi, fil-5.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dr Alessia Psaila Zammit –Sindku
Is-Sur Julian Borg – Vici Sindku
Is-Sur Nicholas Cassar – Kunsillier
Dr Mark Anthony Vassallo - Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3)):**
Is-Sur Clayton Cutajar – Kunsillier
Is-Sra. Gillian Farrugia Pace – Kunsilliera
Is-Sur Domenic Grech – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sra. Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Dr Alessia Psaila Zammit ppresidiet il-laqgħa.

**367.1 Approvazzjoni tal-Financial Statements (Q4)**

Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat kopja tal-Financial statements (Q4) lill-Kunsilliera preżenti.. Is-Sindku talbet lis-Segretarju Eżekuttiv tispjega. Is-Segretarju Eżekuttiv tat rendikont fuq l-infiq u d-dħul tal-Kunsill għas-sena 2018. Hija spejegat li s-sena finanzjarja għalqet b'bilanċ pożittiv.

Is-Sindku talbet lill-Kunsill japprova l-Financial statements kif preżentati. Il-Kunsill unanimament approva.

**367.2 Approvazzjoni tal-Budget**

Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat kopja tal-Budget għas-sena 2019. Is-Sindku talbet lis-Segretarju Ezekuttiv tagħti spjega tar-rapport. Is-Segretarju Ezekuttiv spjegat fid-dettall il-varjazzjonijiet fil-budget għas-sena li għaddiet 2018 u s-sena finanzjarja preżenti. Is-Segretarju spjegat fid-dettall l-ammont tad-dħul u l-infiq pjanat. Hija qalet li l-infiq fuq ix-xogħolijiet kuntrattwali żdied drastikament bit-tenders il-ġodda.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li din is-sena l-Kunsill qed jagħti prijorita għall-manutensjoni ta' toroq fosthom patching u tranġar ta' bankini fiż-żonż urbana, kif ukoll tranġar ta' toroq tal-bdiewa fiż-żona rurali. Dan barra l-investiment b'għajnuna minn fondi ewropej fit-toroq rurali u tranġar ta' ħitan tas-sejjiegħ.

Fil-budget huwa inkluż ukoll il-Proġett tan-Night Shelter u tal-Park ta' Għar Lapsi.

Is-Sindku ressqet il-Budget kif preżentat għall-approvazzjoni.

Il-Kunsill unanimament approva.

Il-Laqgħa intemmet fil-5.30pm.

Konfermati, illum 11 ta' Marzu 2019.

| | |
|---|---|
| Dr Alessia Psaila Zammit | Ritienne Giorgino |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |